Hekk . . . kif titlaq tiġri 'l bogħod
mill-arloġġ itektek
tik-tak tik-tak
tik-tak tik-tak.
Iż-żmien għaddej .
u inti għadek qed tistenna lili
bħal ruħ ta' transesswali
li la jaf fejn mar
u lanqas minn fejn ġiet.
Il-ħtija tiegħek biss.
Issa tista' tkisser il-mera.

## Il-Bieb Imsakkar

OLIVER FRIGGIERI

Jekk fil-għaxija tiftaħ qalbek beraħ
jidħollok dlonk il-lejl u jorqod għandek.
Jekk tul il-lejl tiċċassa lejn il-kwiekeb
huma jkellmuk bil-lingwa tas-sigrieti.
U jekk tgħaddi s-sigħat imqajjem, tisma'
fil-ħemda l-qalb ta' l-univers ittektek.
La tinħasadx: issemma' sew u tifhem
li ż-żewġt iqlub itektku b'ritmu wieħed.
Tkun sibt il-bieb imsakkar tal-misteru,
lilhinn mill-bieb ħadd għadu qatt ma rifes.
Ftakar it-triq biex tagħraf terġa' lura.

## Kull Ħolma Tqila

OLIVER FRIGGIERI

Taqagħlek minn idejk kull ħolma tqila
u tinżel biex tiġborha u tkun ġà nkisret.
Tinsiġha kelma b'kelma w titgħallimha
malajr bl-amment u wara ftit tinsieha.
Tkenninha bejn idejk bħal xemgħa tixgħel
u tasal żiffa riħ u titfihielek.
Kull telfa ġġib warajha ħolma ġdida
biex ta' kull darba tiġri din l-istorja



u tidra dir-rutina w terġa' tibda.
B'għajnejk mgħammdin tiġġerra wara sħaba
tistenna li tilħaqha qabel jidlam.
B'idejk miftuħa ssellem lil min jgħaddi
u l-folla tibqa' miexja bla ma tħares.
fis-suq tal-ħolm tikkorda l-prezz u ttella'
mill-portafoll ta' qalbek l-aħħar lira.
Taqagħlek minn idejk kull ħolma tqila
u jasal jum li lanqas biss tinduna.

## Wara l-Bwieb tal-Ħġieġ

*Silta mir-rumanz mhux pubblikat*

RAYMOND MAHONEY

*Ommu.*
Tmewweġ ma' saqajha sbieħ il-libsa twila bajdanija mal-qigħan ħadrana tal-bosk. Il-foresta ta' tfulitu. Il-masġar ta' żgħożitu.
*Ommu.*
Qajl qajl, bil-mod itterraq, passejha żgħar, ħelwin, bħal binja lmija, b'ħeffa ta' ballerina, ċerva ġwejda żżiġġ minn bejn il-weraq kbir, dellija.
*Ommu.*
Ġisimha jfewwaħ ħlewwet taqtir t'għasret il-ward, l-istefanotis, ġiżimin jogħnos fuq l-imħadda ta' sbuħitha.
*Ommu.*
Xuxitha qastnija tfewweġ ma' l-irjieħ u tostor sidirha sħun, taqa' fuq spallejha bħal għata msaħħra f'lejla ta' ksieħ u mħabba.
*Ommu.*
Mistrieħa titbandal fid-dgħajsa wenniesa mdawra b'tax-xmara ċ-ċafċif tal-mewġiet li jħeddlu, li jqanqlu.
*Ommu.*
Fil-jiem ta' sfuret il-qamħ u l-ewwel ħuttaf, fl-imrieżaq ta' xemx staġun ġdid, isserraħ riġlejha fil-ġonna tal-villa sajfija fil-wesa' tax-xgħari.
*Ommu.*
B'leħenha ċar u ġieri tgħanni man-noti fuq il-pjanu jperreċ melodiji ta' tifkir fi ljieli nostalġija, f'għodwiet melankonija.
*Ommu.*
Fuq l-ifrem żiemel iswed taqsam l-għelieqi, tofroq il-ħdura xeblieka f'tlebbit li jqawwi ż-żiffa tħannen lil ħaddejha fietla.
*Ommu.*
Hu.
Binha.
Istvan.